IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 3.8.2012
COM(2012) 437 final

2012/0210 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Abbażi tal-mandat rilevanti mogħti mill-Kunsill[1], il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, innegozjat mar-Repubblika tal-Mawrizju bl-għan li jinizjalaw Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd u Protokoll ġodda bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju. Wara dawn in-negozjati, ġew inizjalati Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd ġdid u Protokoll ġdid fit-23 ta' Frar 2012.

Il-Ftehim il-ġdid ikopri perjodu ta' sitt snin mid-data tal-firma u huwa mġedded bla kliem għal perjodi suċċessivi ta' tliet snin.

L-għan ġenerali huwa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Mawrizju għat-twaqqif ta' qafas ta' sħubija għall-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u sfruttar responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Mawrizju, fl-interess taż-żewġ partijiet.

Il-Protokoll ikopri perjodu ta' 3 snin. Il-Protokoll il-ġdid jipprovdi opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet tal-Mawrizju għal 86 bastiment tas-sajd għat-tonn (41 bastiment tas-sajd bil-*purse seine* u 45 bastiment tas-sajd bil-konz). B'konformità mat-Trattat, għandu jiġi definit il-metodu għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-Istati Membri ġew ikkonsultati bħala parti minn laqgħat tekniċi u fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd tal-Kunsill. Dawn il-konsultazzjonijiet ġew konklużi fl-interess li jiġi konkluż Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd u Protokoll mal-Mawrizju. Il-Kummissjoni qagħdet, fost oħrajn, fuq ir-riżultati ta' evalwazzjoni mwettqa minn esperti esterni li kienet iffinalizzata f'Novembru 2011.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Din il-proċedura qed tinbeda b'mod parallel mal-proċeduri fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd u tal-Protokoll li jistipulaw l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill, bil-kunsens tal-Parlament Ewropew, dwar il-konklużjoni tal-imsemmija Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd u Protokoll.

4. IMPLIKAZZJONI FINANZJARJA

Il-Protokoll il-ġdid jipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja totali ta' EUR 1 980 000 għall-perjodu kollu. Dan l-ammont jikkorrispondi għal: a) EUR 357 500 fis-sena ekwivalenti għal

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 15921/2011, 23.01.2012

tunnellaġġ annwali ta' referenza ta' 5 500 tunnellata, u b) EUR 302 500 fis-sena, li jikkorrispondu għall-pakkett addizzjonali mħallas mill-Unjoni sabiex tappoġġa l-politika tas-sajd u dik marittima tal-Mawrizju.

Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali mħallsa mill-baġit tal-Unjoni hija ta' EUR 660 000.

2012/0210 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, il-paragrafu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Frar 2012, ġie inizjalat Protokoll ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju, li lill-bastimenti tal-UE jipprovdilhom opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet fejn il-Mawrizju għandu s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni fir-rigward tas-sajd.

(2) Fi […] il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni XXX/2012/UE[2] dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd il-ġdid u tal-Protokoll il-ġdid.

(3) Il-metodu għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri għandu jiġi ddefinit għat-tul tal-Protokoll.

(4) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità[3], il-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri kkonċernati jekk jidher li l-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Unjoni skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd ma ġewx utilizzati kollha. In-nuqqas ta' risposta fi żmien id-data ta' skadenza stabbilita mill-Kunsill jitqies bħala konferma li l-bastimenti tas-sajd tal-Istat Membru kkonċernat mhux se jagħmlu użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd tagħhom fil-perjodu mgħoti. Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita din id-data ta' skadenza.

(5) Peress li l-Protokoll tal-Ftehim tas-Sajd skada fi xx ta' Diċembru 2007, dan ir-Regolament għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd il-ġdid u tal-Protokoll il-ġdid.

---

[2] ĠU L ….

[3] ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-opportunitajiet tas-sajd stipulati fil-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Protokoll') għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

a) Bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-*purse seine*

Spanja	22 bastiment
Franza	16-il bastiment
L-Italja	2 bastimenti
Ir-Renju Unit	bastiment wieħed (1)
Total	41 bastiment

a) Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ

Spanja	12-il bastiment
Franza	29 bastiment
Il-Portugall	4 bastimenti
Total	45 bastiment

2. Ir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 għandu japplika mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd u tal-Protokoll.

3. Jekk l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mill-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 ma jkoprux l-opportunitajiet tas-sajd stipulati mill-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tqis applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd minn Stati Membri oħrajn skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.

4. Id-data ta' skadenza biex l-Istati Membri jikkonfermaw li mhux se jagħmlu użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd allokali skont il-Ftehim, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008, għandha tkun 10 ijiem tax-xogħol mid-data li fiha l-Kummissjoni tgħarraf lill-Istati Membri li l-opportunitajiet tas-sajd ma' ġewx eżawriti.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll il-ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President